**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 203**

It-Tnejn, 5 ta' Frar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anglu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. Chris Fearne u l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Alex Muscat kien imsiefer fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

L-Onor. Edward Zammit Lewis kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 202 li saret fil-31 ta' Jannar 2024 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

Att I tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet;

Att II tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta; u

Att III tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3012 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Cleo Almerigo vs Mario Magri et (Rikors Numru 326/2021/ LM), deċiża fil-15 ta' Lulju 2022 u dik tal-Appell datata 22 ta' Jannar 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 13525 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3013 Avviż Legali Nru 19 tal-2024 – Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Income.

Il-Ministru għall-Artijiet u għall-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3014 Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Artijiet u għall-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15181.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3015 Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15182;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3016 Avviż Legali Nru 20 tal-2024 – Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija li toffri Sapport lill-Vittmi;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3017 Avviż Legali Nru 17 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur;

P.L. 3018 Avviż Legali Nru 18 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3019 Informazzjoni dwar l-iskemi li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali matul l-2023 u n-numru ta' Kunsilli Lokali li applikaw għal kull skema, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14986;

P.L. 3020 Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15186;

P.L. 3021 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15554;

P.L. 3022 Lista ta' attendenza tas-Sindki u tal-Kunsillera tal-Kunsilli Lokali tal-Imġarr, Malta, tal-Imtarfa u tar-Rabat għas snin bejn l-2019 u l-2023 maqsuma laqgħa laqgħa, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15555;

P.L. 3023 Lista ta' features li nstabu fis-sit N/S off, Triq il-Knisja c/w N/S off Triq George Mc Adam, ix-Xagħra, Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15901;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3024 Tagħrif dwar Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu jaħdmu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14858;

P.L. 3025 Tagħrif dwar fondi allokati u spejjeż li ntefqu għall-Proġett ta' Villa Lauri, Birkirkara, fil-perjodu bejn l-2018 u l-2024 maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14984;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3026 Avviż Legali Nru 21 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendew ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta;

P.L. 3027 Tagħrif dwar in-numru ta' persuni li talbu l-ażil fl-2023 maqsuma skont il-pajjiż, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14309;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3028 Tagħrif dwar proġetti li saru, qegħdin isiru u huma ppjanati li jsiru bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-port maqsuma skont l-entità responsabbli minnhom, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15451;

P.L. 3029 Lista ta' substations tal-Enemalta f'Malta u Għawdex flimkien ma' skont is-sena li nfetħu, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15725;

P.L. 3030 Lista ta' Ċentri tad-Distribuzzjoni tal-Enemalta f'Malta u Għawdex flimkien mas-sena li fiha tlestew, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15726;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3031 Tagħrif dwar għaqdiet sportivi li bbenefikaw minn skemi ta' għajnuna tal-isport matul l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15825;

P.L. 3032 Kuntratt ta' Impjieg iffirmat fl-20 ta' Jannar 2022 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u s-Sur Luciano Busuttil bħala Chief Executive Officer;

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fil-25 ta' Jannar 2022 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u s-Sur Ryan Borg bħala Director Strategy, International Relations and Support;

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fil-11 ta' Ottubru 2022 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u Dr Karen Zammit Southernwood bħala Director, Legal and Regulatory;

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-28 ta' Ottubru 2022 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u s-Sur Ignatius Zammit bħala Head Testing and Intelligence;

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-3 ta' April 2023 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u s-Sur Andy Grech bħala Head (Education and Policy);

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-2 ta' Ottubru 2023 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta u s-Sa Sasha Caruana Pederson bħala Intelligence Officer; u

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-2 ta' Ottubru 2023 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport u s-Sur Ryan Pellicano bħala Administrative Manager – (AIMS) Salary Structure Grade: Head, Professional Officer),

bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15880.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li kienet se tinżamm l-għada, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Davina Sammut Hili kienu se jissostitwixxu lill-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Clayton Bartolo u l-Onor. Alex Muscat rispettivament.

**PUNTI MQAJMA MINN ONOR. MEMBRI TAL-KAMRA**

L-Onor. Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja dwar artiklu li deher fil-gazzetta *l-orizzont* tal-5 ta' Frar 2024 rigward informazzjoni mogħtija fi tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari mingħajr ma ġie indikat l-isem tal-interpellant, u mingħajr ma ngħatat informazzjoni aġġornata, u żiedet li dan kien imur kontra ruling tas-Sedja fir-rigward.

Is-Sedja ħadet nota tal-punt imqajjem mill-Onor. Membru u qalet li kienet ser tieħu l-passi neċessarji.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI – ABBOZZ NRU 72**

L-Ispeaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana:

**GEORGE VELLA**
**PRESIDENT**

Il-President, wara li kien informat dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jimplimenta Miżuri tal-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2024 u miżuri amministrattivi oħra", jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

1 ta' Novembru 2023

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jimplimenta Miżuri tal-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2024 u miżuri amministrattivi oħra".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Clyde Caruana, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Michael Falzon u l-Onor. Jerome Caruana Cilia.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3033 Artiklu li deher fuq is-sit *euroactiv.com* fit-23 ta' Jannar 2024 bl-isem *Explainer: The complex fiscal rules that EU finance ministers just agreed to*;

P.L. 3034 Dokument bl-isem *Economic Governance Reform* maħruġ mill-Council of the European Union (16895/23) fil-21 ta' Diċembru 2023;

P.L. 3035 Dokument bl-isem *Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on the effective coordination of economic policies and multilateral budgetary surveillance and repealing Council Regulation (EC) No 1466/97 – Mandate for negotiations with the European Parliament* maħruġ mill-Council of the European Union (15874/4/23) fl-20 ta' Diċembru 2023;

P.L. 3036 Dokument bl-isem *Proposal for a Council Directive amending Directive 2011/85/EU on requirements for budgetary frameworks of the Member States – Agreement in principle with a view to consulting the European Parliament* maħruġ mill-Council of the European Union (15396/4/23) fl-20 ta' Diċembru 2023;

P.L. 3037 Dokument bl-isem *Proposal for a Council Regulation amending Regulation (EC) No 1467/97 on speeding up and clarifying the implementation of the excessive deficit procedure – Agreement in principle with a view to consulting the European Parliament* maħruġ mill-Council of the European Union (15876/4/23) fl-20 ta' Diċembru 2023; u

P.L. 3038 Dokument bl-isem *Communication from the Commission to the European Parliament, the Council and the European Central Bank on the 2024 Draft Budgetary Plans: Overall Assessment* maħruġ mill-European Commission (COM (2023) 900 final) fil-21 ta' Novembru 2023.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Graham Bencini, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3039 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fil-25 ta' Mejju 2023, bl-isem '€3 million tennis complex unfinished for this month's small nations' games';

P.L. 3040 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fl-20 ta' Diċembru 2023, bl-isem 'Ta' Qali park projects quadruples in cost with 'weak internal controls' – NAO';

P.L. 3041 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fid-19 ta' Novembru 2023, bl-isem 'Msida primary school costs soar to €22 million with no completion date in sight';

P.L. 3042 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fit-3 ta' Awwissu 2022, bl-isem 'A €49 million misfire: AFM's P71 vessel two years late, €13.9 million over budget';

P.L. 3043 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fis-26 ta' Ottubru 2023, bl-isem 'Gozo Museum four times over budget, still in shell form';

P.L. 3044 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fit-8 ta' Ġunju 2022, bl-isem 'PM's office squanders €1 million in public funds to promote Labour propaganda';

P.L. 3045 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fl-1 ta' Frar 2024, bl-isem '10 years, millions later, Gozo elderly residence is almost ready';

P.L. 3046 Artiklu li deher fuq *timesofmalta.com* fil-31 ta' Jannar 2024, bl-isem 'Court orders Film Commission to reveal David Walliams film awards pay';

P.L. 3047 Artiklu li deher fuq *maltatoday.com* fit-8 ta' Jannar 2024, bl-isem 'People beg for donations while public money is squandered';

P.L. 3048 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fit-8 ta' Jannar 2024, bl-isem 'Abela's new cabinet to cost more than €21 million a year in salaries';

P.L. 3049 Artiklu li deher fuq *newsbook.com* fis-27 ta' Ottubru 2023, bl-isem 'Corruption, inflation top concerns for small businesses';

P.L. 3050 Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fit-8 ta' Lulju 2023, bl-isem '84% of businesses see favouritism, corruption as hampering competition';

P.L. 3051 Artiklu li deher fuq *newsbook.com* fit-30 ta' Jannar 2024, bl-isem 'Malta tibqa' fl-agħar post fl-istorja tagħha fl-indiċi tal-korruzzjoni';

P.L. 3052 Artiklu li deher fuq *newsbook.com* fit-3 ta' Frar 2024, bl-isem '"Il-faqar tal-lum hu l-istess bħal ta' żmien il-gwerra" – Fr Hilary';

P.L. 3053 Artiklu li deher fuq *independent.com.mt* fis-26 ta' Jannar 2024, bl-isem 'Malta's population increases by 28% in 10 years – NSO';

P.L. 3054 Artiklu li deher fuq *timesofmalta.com* fil-21 ta' Novembru 2023, bl-isem 'Binance founder agrees to pleads guilty to money laundering';

P.L. 3055 Artiklu li deher fuq *internations.org*, bl-isem 'Where (Not) to Move for a Better Quality of Life in 2023';

P.L. 3056 Quality of Life Index by Country 2024 li deher fuq *numbeo.com*.

Fis-7.00 p.m. l-Ispeaker informa l-Kamra li kien hemm qbil li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol kellu jitwal sakemm l-Onor. Jerome Caruana Cilia jikkonkludi d-diskors tiegħu fuq dan l-Abbozz ta' Liġi.

Fis-7.06 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Tieni Qari |
| Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 | Kontinwazzjoni |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva | |

| | |
|---|---|
| u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Katya De Giovanni.

Fis-7.21 p.m. l-Ispeaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 6 ta’ Frar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**